**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 7 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 14**

**Avviz Nru: 952/01 AE**

**Amal Aluminium Works Ltd**

**vs**

**Pauline Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz s-socjeta attrici talbet li l-konvenut tigi kkundannata thallas is-somma ta' hames hames mija u sebgha u tletin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm537.88) rapprezentanti xoghol ta' aluminium mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta u l-konvenuta baqghet ma hallsitx, oltre l-interessi mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Permezz ta’ risposta pprezentata fl-10 ta’ Ottubru 2001 il-konvenuta eccepiet:

1. Illi t-talba tas-socjeta attrici hija preskritta skond l-Artikolu 2148(1) u/jew 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ix-xoghol ta’ l-aluminium li sar mis-socjeta attrici ma sarx skond is-sengha u l-arti u l-konvenuta mill-bidu nett irrifjutat l-aluminium li gie kkonsenjat lilha.

3. Illi l-aluminium ordnat gie sempliciment konsenjat zmien twil wara li kien ordnat, u ma giex imwahhal f’postu kif kien miftiehem bejn il-partijiet, u gie mitluq minn impjegat tas-socjeta attrici fil-garaxx tal-konvenuta fejn ghadu sal-lum.

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2001 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2001 ghall-provi tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2001 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, f’liema seduta s-socjeta konvenuta naqset milli tidher.

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta regghet naqset milli tidher.

Ra l-atti l-ohra tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-konvenuta ssollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

2. Fis-seduta tal-lum il-konvenuta ddikjarat bil-gurament li x-xoghol ta' l-aluminium kien gie kkonsenjat sitt snin ilu u li kien biss f'Mejju 2001 li hija giet interpellata permezz ta' att gudizzjarju sabiex taghmel il-hlas.

3. Mill-atti jirrizulta li l-kwistjoni tikkoncerna xoghol ta' *aluminium* li nhadem u nbiegh mis-socjeta attrici u kkonsenjat lill-konvenuta.

4. Huwa l-obbligu tal-konvenuta li taghti prova tal-preskrizzjoni li hija applikabbli. It-Tribunal jaghmel riferenza ghal gurisprudenza f'dan is-sens:

   (i) **Maria Zammit vs Laurence James Cappello et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 1962 (Vol. XLVI.i.372): *"il-preskrizzjoni hija eccezzjoni opposta ghall-azzjoni istanti, b'mod li l-konvenut isir attur meta jgib dik l-eccezzjoni l-quddiem, u ghalhekk l-istess reus huwa fl-obbligu li jipprova dak li ghandu jservi bhala fondament ghall-eccezzjoni tieghu".*

(ii) **Paolo Calleja vs Luigi Vella** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Gunju 1964 (Vol. XLVIII.i.603).

(iii) **Pasquale Bonello vs Matteo Grech** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Jannar 1875 (Vol. VII.292): *"la prescrizione e' una eccezione opposta alla azione, ed e' regola invariabile che il convenuto in questo caso diventa attore, spettando a lui di provare cio' che serve di fondamento alla sua eccezione".*

Fejn il-konvenut **jirnexxielu juri li l-preskrizzjoni eccepita hi dik li tapplika** ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv, imbaghad *"sta ghall-attur kreditur li jaghzel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li taghtih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizorju"* (**Joseph Aquilina nomine vs Edgar Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Gunju 1994). Ghalkemm is-socjeta attrici nghatat l-opportunita sabiex tressaq il-provi taghha, hija naqset li taghmel dan.

5. Fil-fehma tat-Tribunal, il-fattispecje ta' dan il-kaz jaqghu taht l-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16. Bhala appaltatur ta' xoghol li flimkien ma' l-opra taghha forniet il-materjal mehtieg, l-azzjoni attrici hija milquta bil-preskrizzjoni ta' sentejn. Din il-preskrizzjoni ma

kenitx tkun applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur tal-opra li ghaliha l-materjal ikun serva (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-18 ta' Mejju 1929 fl-ismijiet **Tommaso Pace vs Salvatore Muscat** – Vol. XXVII.i.1013). Inoltre, kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Thomas Abela nomine vs Saviour Camilleri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Mejju 1998: *"Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar kontemplata fl-Artikolu 2148(a) m'hix applikabbli ghaliex is-socjeta attrici, li hija socjeta intraprenditrici u ghalhekk jiddomina fiha l-karattru ta' spekulatur, ma pprestatx l-opera taghha bhalma jipprestaw dik taghhom l-persuni imsemmija fil-precitat artikolu izda pprestat ix-xoghol tal-impjegati taghha (location operis) li iffruttifika l-materjal mibjugh li, sakemm gie konsenjat lill-konvenut, kien ghadu a riskju taghha"*. Il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li kien applikabbli l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16) [ara wkoll sentenza fl-ismijiet **Felix Mifsud nominee vs Joseph Camilleri Fava nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Ottubru 1999].

6. Dan kollu qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 13 tal-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) li jipprovdi ghal kaz fejn xi hadd mill-kontendenti, f'dan il-kaz is-socjeta attrici, jonqos milli jidher.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**